# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 11**

**Rikors numru 455/17/1 JVC**

**(1) Joseph Busuttil, f'ismu propju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Sealex Holdings Limited (C14190); (2) Christian Busuttil; (3) Rebecca Darmanin Kissaun;(4) Natasha Busuttil; (5) The Estate of the late Charles Busuttil, u b'digriet tat-22 ta' Diċembru 2014 ir-rikorrenti Rebecca Darmanin Kissaun u Natasha Busuttil ġew awtorizzati jassumu l-atti minflok "The Estate of the late Charles Busuttil";(6) Paul Busuttil f'ismu propju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Marvel Holdings Company Limited (C16864); (7) Joanna Decesare; (8) Mary Ann Lanzon; (9) Roberta Pecci Busuttil; (10) Clarissa Pace; (11) Michael Busuttil; (12) Antonia Busuttil; (13) Simone Pace Busuttil; (14) Maria Schaerrer Busuttil; (15) Franco Busuttil f'ismu propju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` B.C. Investments Limited (C8063); u għal kull interess li jista' jkollhom l-Avukat Dr.Joseph J. Vella, l-Avukat Dr.Albert Grech u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello**

**v.**

**(1) Suzanne Busuttil; u (2) Brian Busuttil; (3) Stealth Holdings Limited (C26763); (4) T&L Holdings Limited (C8054); (5) Avukat Dr.Patrick Galea; (6) Avukat Dr.John Refalo; (7) Prokuratur Legali**

**Jean Pierre Busuttil; (8) Prokuratur Legali Nicolette Aquilina Di Noto; u Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza ser jiġi deċiż l-appell tal-atturi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-5 ta' Ġunju, 2020, li biha ċaħdet t-talba ta' ritassa li saret b'referenza għall-kawża **Joseph Busuttil proprio et nomine v. Suzanne Busuttil et**[1] (802/2014) deċiża fit-30 ta' Marzu, 2017.

2. Għal dawk li huma fatti, l-atturi kienu ppreżentaw rikors fejn talbu lill-ewwel Qorti sabiex tapplika l-Artikolu 402(3)(d) u (f) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386) u tordna x-xiri tal-ishma tal-konvenuti fil-kumpaniji Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited, u tikkundannahom iħallsu ammont ta' flus li tillikwida bħala kumpens minħabba telf jew danni li kkawżaw il-konvenuti. B'sentenza tat-30 ta' Marzu, 2017, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla laqgħet is-sitt eċċezzjoni[2] tal-konvenuti u ċaħdet it-talba tal-atturi. Dwar spejjeż ordnat li kull parti tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha. Wara dakinhar ir-Reġistratur intaxxa d-dritt tar-Reġistru, tal-Avukati u Prokuraturi Legali. Saru kalkoli fuq is-

[1] Il-konvenuti f'dik il-kawża kienu Suzanne Busuttil, Brian Busuttil u Stealth Holdings Limited. Fit-12 ta' April, 2016, issejħet fil-kawża l-kumpanija TBL Holdings Limited.
[2] L-eċċezzjoni kienet fis-sens li l-azzjoni ma tistax issir kontra l-konvenuti għaliex m'għandhomx kontroll tal-kumpanija.

somma ta' €9,600,000 peress li f'nota ta' sottomissjonijiet preżentata mill-atturi, ddikjaraw hekk:

> *"E19. Illi għal dak li jirrigwarda kumpens skond l-Artikolu 402(3)(f) tal-Kap. 386 ir-rikorrenti jissottomettu li huma ressqu provi suffiċjenti li l-aġir tal-intimati, meta dawn ostakolaw it-twaqqif ta' kumpannija fl-Olanda, sallum diġa ikkawża danni kwantifikati fl-ammont ta' sittax-il miljun Euro (€16,000,000) lill-kumpannija FBSW (liema danni ser ikomplu jiżdiedu fil-futur), u għalhekk ir-rikorrenti jissottomettu bir-rispett li huma ntitolati għall-anqas għal sittin fil-mija (60%) tal-ammont ta' €16,000,000 fuq imsemmi u ċioe għall-ammont ta' disa' miljuni u sitt mitt elf Euro (€9,600,000) diviż fil-kwoti azzjonarji rispettivi, u dan bħala kumpens lilhom dovut għad-danni lilhom ikkawżati mill-aġir tal-intimati jew somma verjuri"*.

3. Skont it-taxxa tar-Reġistratur, bħala dritt ta' Reġistru dovuta s-somma ta' €87,273 filwaqt li d-dritt tal-avukati hu €96,598 u tal-Prokuraturi Legali fl-ammont ta' €32,199. Fit-23 ta' Mejju, 2017, l-atturi ppreżentaw rikors li bih talbu ritassa. Wara s-sentenza tal-5 ta' Ġunju, 2020, b'rikors preżentat fl-24 ta' Ġunju, 2020, l-atturi appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti. L-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"....... tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ġunju 2020 fil-kawża fl-ismijiet premessi in kwantu li tolqot id-dritt tar-Reġistru stabbilit fit-taxxa li inħarġet fir-rigward tar-rikors numru 802/2014JZM fl-ismijiet Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et, deċiż fit-30 ta' Marzu 2017, liema taxxa hija annessa mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok. 'B' u minflok tordna li l-istess taxxa tinħadem mill-ġdid, ċertament għal dak li għandu x'jaqsam mad-Dritt Reġistru mhux fuq il-valur tas-somma ta' €9,600,000"*.

4. Fit-30 ta' Lulju, 2020, wieġbu l-konvenuti Busuttil, Stealth Holdings Limited, l-avukat Dr. Patrick Galea u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil u taw ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħhom l-appell hu fieragħ u vessatorju. Ma jirriżultax li ħaddieħor ippreżenta tweġiba.

5. Għall-finijiet tal-appell tal-atturi il-Qorti ser tislet partijiet mill-motivazzjoni li tat l-ewwel Qorti:

*<u>"L-ewwel ilment:</u>*

*Illi fir-rigward ta' l-ewwel ilment din il-Qorti tinnota li l-atturi jikkwotaw estensivament mis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell deciza nhar il-31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet* ***Suzanne Busuttil et -vs- Francis Busuttil & Sons Limited et*** *(Appell Civili numru: 642/2012/1) fejn is-sentenza taghmel distinzjoni bejn l-Artikolu 401 u l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u tirreferi ghad-distinzjoni partikolarment fl-Artikolu 402 fejn l-ligi tipprovdi li ghandu jsir rikors u mhux citazzjoni.*

*Illi din il-Qorti, irricerkat u ezaminat fl-intier is-sentenza fl-ismijiet* ***Suzanne Busuttil et -vs- Francis Busuttil & Sons Limited et*** *(Appell Civili numru: 642/2012/1) ikkwotata mill-atturi fir-rikors promotur li wkoll kienet azzjoni maghmula taht l-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti setghet tinnota li l-Qorti tal-Prim' Istanza kienet ghamlet indagini tal-origini tal-azzjoni taht Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tinvestiga s-sentenza msemmija anki ghaliex hawnhekk qeghdin nitkellmu dwar rikors ta' ritassa din l-Qorti setghet tinnota li l-estratti kkwotati mis-sentenza ma japplikawx ghal kawza odjerna u dan fid-dawl li l-partijiet ikkwotati huma ffukati fuq l-kwistjoni ta' jekk jezistix dritt ta' appell jew le. Oltre dan, din il-Qorti tirrileva li l-kawza Appell Civili numru: 642/2012/1 fl-ismijiet* ***Suzanne Busuttil et -vs- Francis Busuttil & Sons Limited et*** *a differenza tal-kawza 802/2014 JZM fl-ismijiet* ***Joseph Busuttil et -vs- Suzanne Busuttil et*** *ma kelliex talba ghal likwidazzjoni ta' kumpens minhabba telf jew danni.*

*.............*

*Illi minn harsa lejn is-sentenza 802/2014 JZM moghtija nhar it-30 ta' Marzu, 2017 fl-ismijiet* ***Joseph Busuttil pro et noe -vs- Suzanne Busuttil et*** *(a fol. 7 sa fol. 36 tal-process) jirrizulta li tikkontjeni kemm t-talbiet tal-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenut, riferenza ghall-procedimenti kif ukoll ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti bbazat id-decizjoni taghha.......*

*Illi dan premess, l-Paragrafu 3 tat-Tariffa A tal-Iskeda A ma jinkludix biss il-kaz ta' rikors guramentat pero' jinkludi wkoll petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prim' Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat. Il-Paragrafu 3 jipprovdi illi:*

*'1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:*

*…'*

*Fil-kaz 802/2014 JZM fl-ismijiet **Joseph Busuttil et -vs- Suzanne Busuttil et** li fuqu qed jintalab ir-ritassa wiehed isib rikors li permezz tieghu nbdiet procedura kontenzjuza quddiem l-Prim' Awla tal-Qorti Civili u li waslet ghal decizjoni datata 30 ta' Marzu, 2017 moghtija mill-Onovervoli Mhallef Joseph Zammit McKeon. Bla dubju fid-dawl ta' dak suespost li d-dritt tar-registru tal-kaz 802/2014 ghandu b'zieda mad-drittijiet moghtija fil-paragrafu 2 jigi ntaxxat fuq valur stabbilit jew valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu.*

*Rat ix-xiehda tas-Sur Emanuel Sciriha, Direttur Qrati Civili u Tribunali a fol. 164 sa fol. 166 u fol. 188 sa fol. 191 tal-process fejn sostna li l-intaxxar isir billi jaraw jekk it-talba hijiex ghal likwidazzjoni u rrispettivament jigix likwidat ammont jew le l-kawza tigi ntaxxata ad valorem. Il-valur jittiehed mill-atti tal-kawza, u fil-kaz odjern, ittiehed minn nota ta' sottomissjonijiet tal-kawza 802/2014JZM a fol. 397. Rat partikolarment li a fol. 165 et ergo huwa xehed u ddikjara kif isegwi:*

*'Ma nintaxxawx il-kawza skont l-ezitu min rebah jew min tilef. Imma fuq talbiet'*

*Rat ukoll li a fol. 166 fuq domandi tal-Qorti diversament preseduta ddikjara kif isegwi:*

*'Qorti: Allura galadarba ma kienx hemm likwidazzjoni tad-danni jew konsiderazzjoni ta' xi danni likwidati r-registratur ma jghaddix biex semplicement jintaxxa fuq talbiet u eccezzjonijiet minghajr .. jara kemm hemm talbiet u jara kemm hemm eccezzjonijiet minghajr necessarjament valutazzjoni ta' l-ammont?.*

*Xhud: Le jidhol fuq talba jara t-talba hijiex ghal likwidazzjoni jew le. Irrespettivament jekk jigix illikwidat dak l-ammont; u nintaxxaw fuqha*

*Qorti: U f'din il-kawza ghaliex ma saritx talba lill-partijiet biex jaghmlu nota.*

*Xhud: Ghaliex kien jirrizulta fin-nota ta' sottomissjonijiet. Irid ikun hemm ma jirrizulta minn imkien ..*

*Qorti: Biex jaghmlu nota kongunta jew jaghmlu talba . .*

*Xhud: Hekk hu. Jekk ma jirrizulta imkien allura nitolbuhom jaghmlu nota. Imma f'dan il-kaz kien jirrizulta minn l-istess nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.'*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet precizament fol. 397 tal-process 802/2004/JZM allegat mal-kawza odjerna, fejn inghad kif isegwi:*

*'...u ghalhekk ir-rikorrenti jissottomettu bir-rispett li huma ntitolati ghall-anqas ghal sittin fil-mija (60%) ta' l-ammont ta' €16,000,000 fuq imsemmi u cioe ghall-ammont ta' disa miljuni u sitt mitt elf Euro (€9,600,000) diviz fil-kwoti azzjonarji rispettivi, u dan bhala kumpens lilhom dovut ghad-danni lilhom ikkawzati mill-agir ta' l-intimati jew somma verjuri...';*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost din il-Qorti tichad l-ewwel ilment imressaq mill-atturi.*

*It-tieni ilment:*

*Fir-rigward it-tieni lment, l-atturi jsostnu li r-Registratur tal-Qrati ma setax jintaxxa drittijiet ad valorem, u dato ma non concesso li r-Registratur tal-Qrati seta' jintaxxa drittijiet ad valorem, l-valur ried johrog jew mid-decizjoni jew mir-rikors promotur u mhux fuq ammont li jirrizulta minn x'imkien iehor.*

*Illi din l-Qorti tibda billi taghmel referenza ghat-Tariffa E – Drittijiet li jithallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "ex officio" tal-Iskeda A b'mod partikolari ghall-Paragrafu 13 u Paragrafu 14 illi jghidu:*

*'13. Għal kull sentenza definittiva:*

*(i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ...................................... €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla*

*(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull€232.94 ...................................€6.99*

*(iii) dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94 .....2.33*

*Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (b) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha.*

*14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.'*

*Illi minn qari ta' dawn iz-zewg paragrafi jinsorgi bl-aktar mod car li d-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali meta jkollhom x'jaqsmu ma' valur*

*ghandhom jigu ntaxxati ad valorem.*

*..........*

*Illi l-Qorti terga taghmel referenza ghall-kontenuta tax-xiehda is-Sur Emanuel Sciriha, Registatur tal-Qrati Civili u Tribunali (fol. 188 sa fol. 191 tal-process) li jispjega l-procedura adoperata sabiex giet intaxxata l-kawza minn fejn jirrizulta li s-sistema adoperata:*

*'.........*

*Ix-xhud: L-okkju tal-kawza? Joseph Busuttil et kontra Suzanne Busuttil eh.*

*Xi hadd: Ie, Ie, mhux ta' din. Tal-kawza illi –*

*Ix-xhud: Iva, iva, dik hi.*

*Dr Noel Bartolo: 802/14JZM.*

*Ix-xhud: L-802/2014JZM. Mela, tapplika l-provvediment tal-artiklu 402 (3)(d) u (f) tal-Kap 386 kontra l-intimati; tipprovdi ghax-xiri tal-ishma kollha tal-intimati mir-rikorrenti u li l-intimati jigu ikkundannati jhallsu lir-rikorrenti ammont iffissat minn din il-Qorti bhala kumpens minhabba telf jew danni ikkawzati mill-intimati. Issa kawza bhal din fejn qed jitolbu danni, dejjem jigu illikwidati d-danni u t-taxxa ssir ad valorem.*

*Dr Noel Bartolo: Sewwa. Issa, f'dan il-kaz, ir-Registratur ghal liema valur attribwixxa t-taxxa u minn fejn ittiehed jekk joghgbok?*

*Ix-xhud: Il-valur irrizulta minn fol 397 precizament fin-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fejn fiha qal illi, "sal-lum diga ikkawzaw danni kwantifikabbli fl-ammont ta' sittax-il miljun ewro (€16)."*

*Dr Noel Bartolo: Fuq dik jigifieri Sur Sciriha?*

*Ix-xhud: Le, pero' gie intaxxat fuq disa' miljuni u sitt mitt elf (9,600,000). Halli nerga' nara ghalfejn. Mela sittax-il miljun Ewro lill-kumpanija FSB liema danni se jkomplu jzidu fil-futur u ghalhekk ir-rikorrenti jissottometti bir-rispett li huma intitolati ghall-anqas ghal sittin fil-mija (60%) tal-ammont tas-sittax-il miljun (16m) li huwa disa' miljuni and six hundred thousand (9,600,000).*

*..........*

*Ix-xhud: Il-valur jista' jirrizulta mhux bilfors mir-rikors guramentat jew mit-talbiet precizi imma mill-kwistjoni li tkun qed tigi diskussa fil-process hu.'*

*Din il-Qorti rat illi t-taxxa giet mahduma fuq l-ammont iddikjarat fin-nota ta' sottomissjonijiet a fol. 397 tal-process 802/2014JZM u dan in ottemperanza mal-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E nonostante li finalment it-talbiet attrici ma gewx milqugha, u ghaldaqstant ma ssib l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn ghandha tordna li tigi varjata t-taxxa kif mahduma".*

<u>L-ewwel aggravju</u>.

6. L-atturi jilmentaw li l-ewwel Qorti m'apprezzatx li fit-tassazzjoni jiġu intaxxati żewġ drittijiet, u ċioe` d-dritt tar-Reġistru u d-dritt tal-Avukati u Prokuraturi Legali. Mis-sentenza tal-ewwel Qorti jirriżulta li kkunsidrat biss paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12. Dan meta d-dritt tar-Reġistru għandu jiġi kalkolat skont it-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12, filwaqt li d-dritt tal-Avukati u Prokuraturi Legali jiġi determinat skont Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.

7. Il-Qorti tosserva li l-atturi m'għandhomx raġun għaliex fis-sentenza tal-ewwel Qorti saret ukoll referenza għall-paragrafu 3 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12. Dik it-Tariffa tipprovdi dwar: *Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.* Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet:

> *".... l-Paragrafu 3 tat-Tariffa A tal-Iskeda A ma jinkludix biss il-kaz ta' rikors guramentat pero' jinkludi wkoll petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prim' Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat. Il-Paragrafu 3 jipprovdi illi:*
>
> > *'1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal- preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal- proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:*
> >
> > *...'*
> >
> > *Fil-kaz 802/2014 JZM fl-ismijiet* ***Joseph Busuttil et -vs- Suzanne Busuttil et*** *li fuqu qed jintalab ir-ritassa wiehed isib rikors li permezz tieghu nbdiet procedura kontenzjuza quddiem l-Prim' Awla tal-Qorti Civili u li waslet ghal decizjoni datata 30 ta' Marzu, 2017 moghtija mill-Onovervoli Mhallef Joseph Zammit McKeon. Bla dubju fid-dawl ta' dak suespost li d-dritt tar-registru tal-kaz 802/2014 ghandu b'zieda mad-drittijiet moghtija fil-paragrafu 2 jigi ntaxxat fuq valur stabbilit jew valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu".*

8. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

*<u>It-tieni aggravju.</u>*

9. L-atturi jsostnu li għal dak li hu d-dritt tar-Reġistru hu paragrafu 4 tat-Tariffa A li jistabbilixxi l-mod kif għandu jiġi stabbilit valur meta mhuwiex likwidu. Skont paragrafu 4 tat-Tariffa A tal-Kap. 12, valur jiġi stabbilit a bażi ta' stima jew dikjarazzjoni maħlufa tal-attur jew inkellha a bażi ta' somma stabbilita mil-liġi stess. Għalhekk valur ma jistax jiġi stabbilit fuq bażi ta' somma dikjarata f'nota ta' sottomissjonijiet. Jekk id-dritt tar-Reġistru kellu jiġi intaxxat fuq xi valur, dan kellu jkun skont il-minimu miżjuda €600 (paragrafu 4(3) tat-Tariffa A). Skont l-atturi d-dritt tar-Reġistru kellu jinħadem fuq il-valur ta' €15,600 u dan peress li l-qrati superjuri jiddeċiedu kawżi fejn il-valur minimu hu ta' €15,000, u fuq liema ammont għandha tiżdied is-somma ta' €600. Għalhekk skont l-atturi d-dritt tar-Reġistru skont Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12, *"29..... kellu jinħadem fuq il-valur ta' €15,600.01 (ħmistax-il elf u sitt mitt euro u ċenteżmu wieħed)"*.

10. Din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-atturi. Waħda mit-talbiet tal-atturi kienet proprju sabiex il-Qorti tiffissa l-ammont ta' danni li l-atturi kienu qegħdin isostnu li sofrew b'riżultat tal-aġir tal-konvenuti aħwa Busuttil. Fl-istadju meta l-atturi ppreżentaw ir-rikors li bih fetħu l-kawża numru 802/2014, il-valur tad-danni li kienu qegħdin jippretendu l-atturi ma

kienx magħruf. F'dak l-istadju d-dritt tar-Reġistru ġie stabbilit fis-somma ta' €700, ċioe` €116.47 li kien id-dritt li jitħallas skont paragrafu 2(1) ta' Tariffa għall-preżentata tar-rikors u €582.34 fejn il-valur tal-kawża mhuwiex ċert jew mhux likwidu (paragrafu 4(2) tal-istess Tariffa).

11. Madankollu, skont paragrafu 4(4) tat-Tariffa A tal-Kap.12:

> *"3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħlamill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ".*

12. Fis-sentenza tal-kawża 802/2014 l-ewwel Qorti ma llikwidatx ammont ta' danni għaliex ċaħdet it-talba tal-atturi. Talba li kienet taqra hekk:

> *"Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 402(3)(d) u (f) tal-Kap. 386 kontra l-intimati b'mod illi tipprovdi għax-xiri tal-ishma kollha tal-intimati mir-rikorrenti, u li l-intimati jiġu kkundannati jħallsu lir-rikorrenti ammont fissat minn din l-Onorabbli Qorti bħala kumpens minħabba telf jew danni kkawżati mill-intimati u dan taħt kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa".*

13. F'dan il-każ skont il-paragrafu 2(1) u 4(2) ta' Tariffa A, meta l-atturi ppreżentaw il-kawża, d-dritt tar-Reġistru kien €700. Għalkemm l-ewwel Qorti ma llikwidatx ammont ma jfissirx li r-Reġistratur kellu ma' dak l-

ammont iżid is-somma ta' €600 li tissemma f'sub-paragrafu (3) ta' paragrafu 4 ta' Tariffa A. Dak is-sub-paragrafu jipprovdi:

> *"(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ".*

14. F'dan il-każ kienu l-atturi li f'nota ta' sottomissjonijiet iddikjaraw il-valur tal-kawża, ċioe` d-danni li kienu qegħdin jippretendu mingħand il-konvenuti. Hu veru li mill-atti ma jirriżultax li dak il-valur (€9,600,000) ġie dikjarat mill-Qorti jew mill-partijiet flimkien, madankollu ġie dikjarat mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet. Il-parti li mingħandha r-Reġistratur għandu l-jedd li jitlob il-ħlas, peress li kienu l-atturi li fetħu l-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn ir-Reġistratur ma kellux jintaxxa d-dritt dovut lir-Reġistru fuq dik il-bażi, ġialadarba kienu l-atturi stess li ddikjaraw waqt il-kawża x'kien l-ammont ta' danni li qegħdin jippretendu. Dan apparti li kif jirriżulta mit-tweġiba tal-konvenuti, huma jaqblu mal-mod kif ir-Reġistratur intaxxa d-drittijiet (ara paragrafu 4 u tat-tweġiba).[3]

[3] Fol. 246 u 247.

15. Fit-tieni parti tal-aggravju l-atturi għamlu referenza għat-tariffa 'E' li titratta dwar id-dritt tal-avukat u prokuratur legali, u dan sabiex jagħmlu distinzjoni bejn il-mod kif jiġi intaxxat id-dritt tar-Reġistru u d-dritt tal-avukat u prokuratur legali. Spjegaw kif skont paragrafu 14 ta' Tariffa E, il-valur jiġi determinat jew skont il-liġi jew mill-proċess.[4] Mhux l-istess jingħad f'Tariffa A.

16. F'dak ir-rigward il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li diġa' intqal u tiċħad l-aggravju.

17. F'kull każ hu stramb kif filwaqt li fir-rikors tal-appell l-atturi m'għamlux aggravju dwar id-dritt tal-avukati u prokuraturi legali kif intaxxat mir-Reġistratur u bażati fuq valur *ad valorem* ta' €9,600,000, min-naħa l-oħra qegħdin jippretendu li l-valur tal-kawża mhuwiex determinat għall-finijiet tad-dritt tar-Reġistru. Il-valur tal-kawża hu wieħed u mhux japplika valur differenti skont jekk id-dritt huwiex tar-Reġistru jew tal-avukati u prokuraturi legali.

18. Għalhekk tiċħad it-tieni aggravju.

[4] *"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta'xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".*

*It-tielet aggravju.*

19. L-atturi jilmentaw li t-talba fir-rikors promotur tal-kawża 802/2014 kienet tinkludi talba għall-bejgħ ta' ishma tal-konvenuti, u fil-kors tal-proċeduri qatt ma saret stima tal-valur tagħhom. Żiedu li mhuwiex il-każ li,

> *"46) ...... l-esponenti attribwew xi valutazzjoni għat-talbiet tagħhom f'xi dikjarazzjoni spontanja tagħhom u lanqas il-Qorti ma attribwiet xi valutazzjoni fil-provvediment finali li tat għar-rigward tar-rikors 802/2014.*
>
> *47) Illi jingħad mingħajr tlaqliq ma jirriżultaw L-EBDA provi in atti dwar x'kien qed jintalab fil-kuntest ta' kumpens minħabba telf jew danni dawn żgur kienu jiġu imsemmija fl-istess provvediment tat-30 ta' Marzu 2017 mogtħi fl-atti tar-rikors numru 802/2014JZM ...... qatt ma ġiet preżentata xi valutazzjoni ta' xi espert li jattribwixxi valur għall-ishma imsemmija fir-Rikors numru 802/2014JZM. In oltre, QATT ma ġiet imsemmija xi tali figura kemm fir-rikors promotur tal-proċedura numru 802/2014JZM, la f'dikjarazzjoni ġuramentata ta' xi wieħed jew aktar mir-rikorrenti, u lanqas fl-istess provvediment ..... allura ma jistax issa r-Reġistratur b'mod kimeriku jistabbilixxi valur li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fir-Rikors numru 802/2014JZM) lanqas ma waslet jew setgħet tasal għaliha.*
>
> *48) Illi dan jingħad għaliex huwa lampanti li t-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-Rikors numru 802/2014JZM ..... mhijiex waħda kwantifikabbli fi flus u għalhekk kull taxxa fir-rigward ma tista' qatt kun maħduma ad valorem – aħseb u ar kemm setgħet tinħadem fuq il-valur fenomenali ta' €9,600,000".*

20. Ġialadarba l-atturi talbu d-danni, altru milli l-kawża fiha valur. Mid-depożizzjoni li ta Christopher Degiorgio fil-kawża 802/2014 fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2016,[5] xhud tal-atturi, jirriżulta bl-iktar mod ċar li l-atturi

[5]Fol. 123.

kienu qegħdin isostnu li l-aġir tal-konvenuti kien wassal sabiex isir telf ta' iktar minn €16,018,023 li tħallset f'taxxa f'Malta u li setgħu ma tħallsux kieku ġiet reġistrata kumpanija fl-Olanda, kif jidher li l-atturi riedu li jsir. Danni li l-atturi għamlu referenza għalihom f'paragrafu 'E19' tan-nota ta' sottomissjonijiet bħala li sofriet il-kumpanija Francis Busuttil & Sons Limited, li fiha l-atturi għandhom 60% tal-ishma. Għalhekk m'għandhomx raġun l-atturi jargumentaw illum li l-ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni fuq xi ħaġa li ma tirriżultax mill-provi.

21. Għaldaqstant, tiċħad ukoll it-tielet aggravju.

*Ir-raba' aggravju*.

22. F'dan l-aħħar aggravju l-atturi reġgħu irrepetew li fil-kawża 802/2014 qatt ma għamlu dikjarazzjoni li tagħti valur għat-talbiet tagħhom (bil-ġurament jew mod ieħor), u li t-talba kienet biss biex jinbiegħu l-ishma u ma saritx stima tagħhom. Komplew:

> *"73) Illi jekk tassew ir-Reġistratur tal-Qrati seta' jintaxxa d-Dritt tar-Reġistru ad valorem allura jingaħd mingħajr tlaqliq li tali valur ried joħroġ jew mill-valur stabbilit f'xi sentenza finali tal-Qorti (f'dan il-każ il-provvediment finali tat-30 ta' Marzu 2017) jew mir-rikors promotur (li kien ġie preżentat fil-15 ta' Settembru 2014) jew inkellha mill-minimu tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti biż-żieda ta' €600 a tenur tal-paragrafu 4(3) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 – ċioe' fuq valur ta' €15,600.01 .... dawn huma l-uniċi modi li valur jista' jiġi stabbilit skond il-liġi"*.

23. Il-Qorti mhijiex ser toqgħod tirrepeti dak li diġa' qalet. Dan apparti li t-talba fir-rikors promotur 802/2014 kienet ukoll biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni.

24. Għalhekk tiċħad ukoll ir-raba' aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da